

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15079/23

ENV 1245

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Kummissjoni Ewropea

data meta waslet: 3 ta' Novembru 2023

lil: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Nru dok. Cion: D091755/2

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta' XXX li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D091755/2.

Mehmuż: D091755/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D091755
[...] (2023) **XXX** draft

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li tistabilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li tistabilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-Taqsima 1.4.1(ix) tal-Anness V tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu, jiżviluppaw u jirrestawraw il-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ bil-għan li jinkiseb status ekoloġiku u kimiku tajjeb. Barra minn hekk, tirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu u jtejbu l-korpi kollha tal-ilma artifiċjali u dawk imodifikati ħafna, bil-għan li jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u status kimiku tajjeb.
- (2) Sabiex tiddefinixxi wieħed mill-għanijiet ambjentali ewlenin tad-Direttiva 2000/60/KE, jiġifieri l-istatus ekoloġiku tajjeb, id-Direttiva tipprevedi proċess li jiżgura l-komparabbiltà bejn ir-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri u l-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom. Ir-riżultati tal-monitoraġġ bijoloġiku tal-Istati Membri u l-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom għandhom jiġu mqabbla permezz ta' netwerk ta' interkalibrar magħmul minn siti ta' monitoraġġ f'kull Stat Membru u f'kull ekoreġjun tal-Unjoni. Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jiġbru, kif xieraq, it-tagħrif meħtieġ għas-siti inklużi fin-netwerk ta' interkalibrar, sabiex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-konsistenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ mad-definizzjonijiet normattivi tat-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Sabiex isir l-eżerċizzju ta' interkalibrar, l-Istati Membri huma organizzati fi Gruppi Ġeografiċi ta' Interkalibrar, magħmula minn Stati Membri u n-Norveġja li għandhom tipi partikolari ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ komuni, kif iddefinit fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.
- (3) F'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE, l-eżerċizzju ta' interkalibrar għandu jitwettaq fil-livell tal-elementi ta' kwalità bijoloġika, billi jitqabblu r-riżultati tal-klassifikazzjoni tas-sistema nazzjonali ta' monitoraġġ għal kull element ta' kwalità bijoloġika u għal kull tip komuni ta' korp tal-ilma tal-wiċċ fost l-Istati Membri. L-eżerċizzju għandu jiżgura wkoll il-konsistenza tar-riżultati mad-definizzjonijiet normattivi stabbiliti fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva.

¹ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

- (4) Il-Kummissjoni ffaċilitat erba' fażijiet tal-eżerċizzju ta' interkalibrar. Fil-kuntest tal-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, tnejn erba' dokumenti ta' gwida (Nru 6⁽²⁾, 14 (żewġ verżjonijiet⁽³⁾) u 30⁽⁴⁾) sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-interkalibrar. Dawn jipprovdu deskrizzjoni ġenerali tal-prinċipji ewlenin tal-proċess u tal-għażliet għat-twertiq tal-eżerċizzju, inkluż l-iskedi ta' żmien u r-rekwiżiti dwar ir-rappurtar. Barra minn hekk, jipprovdu proċedura sabiex jiġi żgurat li l-metodi nazzjonali ta' klassifikazzjoni ġodda jew riveduti jkunu konsistenti mad-definizzjoni armonizzata ta' status ekoloġiku tajjeb.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE⁽⁵⁾ inkludiet xi riżultati tal-interkalibrar għal għadd ta' elementi ta' kwalità bijoloġika. Dik id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-valuri tad-delimitazzjonijiet bejn il-klassijiet li l-Istati Membri kellhom jużaw fil-klassifikazzjonijiet tas-sistemi nazzjonali tal-monitoraġġ tagħhom.
- (6) L-ewwel fażi tal-eżerċizzju tal-interkalibrar ma kinitx kompluta. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet it-tieni fażi għal dan il-proċess. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE⁽⁶⁾ sabiex jitnaqqsu d-distakki u titjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-interkalibrar fil-ħin għat-tieni pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċiri tax-xmara mistennija fl-2015. Ir-riżultati żvelaw li f'xi każijiet l-interkalibrar inkiseb biss b'mod parzjali. Kien hemm ukoll Gruppi Ġeografiċi ta' Interkalibrar u elementi ta' kwalità bijoloġika li għalihom ma kien hemm l-ebda riżultat tal-interkalibrar li jista' jiġi inkluż f'dik id-Deċiżjoni.
- (7) Għalhekk, sabiex jitnaqqsu dawn id-distakki u titjeb il-komparabbiltà tar-riżultati tal-interkalibrar fil-ħin qabel it-tielet pjanijiet ta' ġestjoni għall-baċiri tax-xmara mistennija fl-2021, kienet meħtieġa t-tielet fażi tal-eżerċizzju tal-interkalibrar. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ġew inklużi fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229⁽⁷⁾. Għal darb'oħra, ir-riżultati żvelaw li f'xi każijiet l-interkalibrar inkiseb biss b'mod parzjali.
- (8) Kien hemm il-ħtieġa li jitnaqqsu dawk id-distakki li kien fadal, u li jiġu rieżaminati xi wħud mir-riżultati adottati preċedentement bil-ħsieb tal-adattament għall-progress

² Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/EC), Guidance Document No 6, Towards a Guidance on Establishment of the Intercalibration Network and the Process on the Intercalibration Exercise, European Communities, 2003. ISBN 92-894-5126-2

³ Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/EC), Guidance document No 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2004-2006, ISBN 92-894-9471-9; Common implementation strategy for the Water Framework Directive (2000/60/EC), Guidance document No 14. Guidance document on the Intercalibration Process 2008-2011, ISBN: 978-92-79-18997-5

⁴ Procedure to fit new or updated classification methods to the results of a completed intercalibration exercise, Guidance document No 30. Technical Report 2015-085, ISBN: 978-92-79-38434-9

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/915/KE tat-30 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar (ĠU L 332, 10.12.2008, p. 20)

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni 2008/915/KE (ĠU L 266, 8.10.2013, p. 1).

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-valuri tal-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri bħala riżultat tal-eżerċizzju tal-interkalibrar u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/480/UE (ĠU L 47, 20.2.2018, p. 1-91)

xjentifiku u tekniku fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tal-Istati Membri. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet ir-raba' fażi tal-eżerċizzju ta' interkalibrar. Ir-risultati tagħha huma inklużi fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

- (9) Għall-fini tal-iżvilupp tar-risultati fil-Parti 1 tal-Anness 1, il-passi kollha tal-proċess tal-interkalibrar stabbiliti fid-dokumenti ta' gwida tlestew kompletament. Il-Parti 2 tal-Anness 1 tinkludi fiha l-metodi ta' klassifikazzjoni nazzjonali u l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi tagħhom li għalihom ma kienx teknikament fattibbli li titlesta l-valutazzjoni tal-komparabbiltà minħabba nuqqas ta' tipi komuni, pressjonijiet differenti indirizzati jew kunċetti ta' valutazzjoni differenti. Il-Parti 3 tal-Anness 1 tinkludi tipi ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ (li jinsabu fl-Istati Membri u fin-Norveġja) li għalihom ma japplikaw element jew sottoelement ta' kwalità bijoloġika abbażi tal-ġustifikazzjonijiet ipprovduti u aċċettati. Billi r-risultati stabbiliti fil-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness 1 huma konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi stipulati fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi jiġu użati fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tal-Istati Membri.
- (10) Meta l-korpi tal-ilma li jikkorrispondu għat-tipi interkalibrati jiġu ddeżinjati bħala korpi tal-ilma artifiċjali jew modifikati ħafna f'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw ir-risultati ppreżentati fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni biex jiksbu l-potenzjal ekoloġiku tajjeb tagħhom. Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu l-modifiki fiżiċi tagħhom u l-użu tal-ilma assoċjat magħhom f'konformità mad-definizzjonijiet normattivi fil-punt 1.2.5 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.
- (11) L-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw ir-risultati tal-eżerċizzju tal-interkalibrar għas-sistemi ta' klassifikazzjoni nazzjonali tagħhom meta jkunu qed jistabbilixxu d-delimitazzjonijiet bejn status għoli u status tajjeb u bejn status tajjeb u status moderat għat-tipi nazzjonali kollha tagħhom.
- (12) L-informazzjoni disponibbli permezz tal-istabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ previsti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-rieżami u l-aġġornament tal-karatteristiċi tad-distretti tal-baċiri tax-xmara previsti fl-Artikolu 5 ta' dik id-Direttiva jistgħu jwasslu għal evidenza ġdida. F'xi każijiet, tali informazzjoni tista' tinvolvi l-ħtieġa li l-Istati Membri jadattaw is-sistemi ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni tagħhom għall-progress xjentifiku u tekniku. L-Istati Membri jistgħu wkoll jiżviluppaw metodi ta' klassifikazzjoni nazzjonali ġodda li jkopru elementi jew sottoelementi ta' kwalità bijoloġika u l-valuri ta' delimitazzjoni rispettivi li jkollhom ikunu konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi stabbiliti fit-Taqsima 1.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.
- (13) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2018/229 jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita skont dan.
- (14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2000/60/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini tat-taqsima 1.4.1(iii) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, fis-sistemi ta' monitoraġġ u ta' klassifikazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw il-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet li huma stipulati fil-Parti 1 tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Meta ma tkunx tlestiet valutazzjoni tal-komparabbiltà għal element ta' kwalità bijoloġika fi ħdan Grupp Ġeografiku ta' Interkalibrar kif stipulat fl-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri, għall-fini tat-Taqsima 1.4.1(iii) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, fis-sistemi tal-monitoraġġ u tal-klassifikazzjoni tagħhom għandhom jużaw il-metodi u l-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet stipulati fil-Parti 2 tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jużaw il-metodi u l-valuri ta' delimitazzjoni bejn il-klassijiet stipulati fl-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni biex jistabbilixxu l-potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma deżinjati bħala korpi tal-ilma artifiċjali jew modifikati ħafna f'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/229 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Virginus Sinkevičius
Membri tal-Kummissjoni